# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 17**

**Rikors numru 1037/07/2 JRM**

**Joseph Zammit**

**v.**

**Dragonara Casino Limited (C-23950) illum imsejħa Stakes Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-attur Joseph Zammit minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Lulju, 2020, li permezz tagħha: (i) ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur; (ii) laqgħet l-eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta Stakes Limited li hija dejjem imxiet mal-liġi u ma għamlet l-ebda ħsara lill-attur; u (iii) ordnat lill-attur sabiex

iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

## Daħla

2. B'rikors maħluf imressaq fl-4 ta' Ottubru, 2007, Joseph Zammit fisser li huwa ilu snin twal imur jilgħab ġewwa l-każinò «*Dragonara*». Stqarr li huwa kien imur f'dan il-każinò, li huwa mmexxi mill-kumpanija konvenuta, b'mod regolari u kompulsiv sabiex jilgħab il-flus, u dan billi huwa maħkum minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

3. Ilmenta li min-naħa tagħha, il-kumpanija konvenuta mhux talli ma mxietx mal-obbligi legali tagħha għaliex m'għamlet xejn biex twaqqfu milli jkompli jilgħab flusu hemmhekk, anzi hija saħansitra kienet tħajru biex ikompli jżur dak il-każinò, u dan billi kienet tibagħtlu materjal b'reklamar b'mod regolari, kemm bil-posta kif ukoll fuq il-mowbajl personali tiegħu.

4. Kompla jgħid li waqt li kien ikun jilgħab ġewwa l-każinò *Dragonara* u kienu jispiċċawlu l-flus li kien ikollu fuqu, il-kumpanija konvenuta kienet tipprovdilu wkoll aċċess faċli u bla limitu għad-depożiti bankarji tiegħu. Dan kienet tagħmlu bil-mezz ta' magna EPOS (*electronic point of sale*) u sewwasew billi ssarraflu d-depożiti bankarji tiegħu fi flus kontanti.

5. Qal ukoll li f'dak il-każinò huwa kien jilgħab kull tip ta' logħob, kemm

fuq l-imwejjed kif ukoll fuq is-*slot machines,* u wara li xela lill-kumpanija konvenuta b'għadd ta' irregolarijiet dwar kif kienet tmexxi u tħallas għal ċertu logħob, ilmenta li dan kollu wasslu biex ġarrab ħafna ħsara li tqum għal eluf ta' liri.

6. Għalaq billi stqarr li għalkemm huwa interpella lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallsu għal dik il-ħsara, u dan kemm permezz ta' ittri interpellatorji, kif ukoll b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Awwissu, 2007, il-kumpanija konvenuta baqgħet m'għamlet xejn minn dak mitlub minnu, u fid-dawl ta' dan, l-attur Joseph Zammit nieda din il-kawża li biha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-esponent sofra danni inġenti b'konsegwenza ta' ħtijiet u nuqqasijiet illi huma attribwibbli lis-soċjetà konvenuta.*
>
> *2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-esponent, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi; u*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lill-esponent dik is-somma in linea ta' danni illi tiġi hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 20 ta' Awwissu, 2007, u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

7. Bi tweġiba maħlufa mressqa fit-13 ta' Novembru, 2007, Dragonara Casino Limited, illum Stakes Limited, wieġbet għall-kawża billi qajmet eċċezzjoni waħda li taqra kif ġej:

> *«Illi l-esponenti, fl-operat tad-Dragonara Casino dejjem ottemperat ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi li jirregolaw l-istess operat, u ma kkaġunat ebda dannu b'detriment tal-attur hekk kif minnu allegat.»*

8. Mal-mixi tal-kawża, il-kumpanija konvenuta biddlet isimha għal *«Stakes Limited»*, u b'digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2014 (f'paġna 357 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ordnat li dik il-bidla tiġi riflessa fl-atti tal-kawża, b'tali mod li wara isem il-kumpanija konvenuta kellu kull fejn meħtieġ, tiżdied il-frażi *«illum imsejħa Stakes Limited».*

9. Imbagħad b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi: (i) ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur għaliex irriżultalha li la kienu msejsa fil-fatt u lanqas fil-liġi; (ii) laqgħet l-eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta Stakes Limited li fiha qajmet id-difiża li hija dejjem imxiet mal-liġi u ma għamlet l-ebda ħsara lill-attur; u (iii) fl-aħħar nett ordnat lill-attur sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

10. Ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni huma dawn:

> *«Ikkunsidrat:*
>
> *Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba minn lagħabi kontra kumpannija li tmexxi każinò li fih tilef somom ta' flus waqt il-logħob. L-attur jgħid li l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa «Stakes») kisret il-liġi meta ħallietu jilgħab fl-istabbiliment tagħha u kienet tħajru biex jagħmel dan minkejja li għandu l-problema patoloġika tal-logħob tal-azzard. Jixli lil Stakes bi ksur tar-regoli tal-logħob u li ħallietu jiġbed somom bla rażan mill-kontijiet bankarji tiegħu saħansitra meta kien ikun jilgħab fl-istabbiliment tagħha. Qed jitlob li l-Qorti ssib li Stakes taħti għal dan it-telf li ġarrab u li tillikwida t-telf u tikkundannaha tħallsu s-somma hekk likwidata;*

*Illi l-kumpannija mħarrka tiċħad it-talbiet attriċi u tgħid li hija mxiet mal-liġi u ma taħti għall-ebda dannu jew telf imġarrab mill-attur;*

*Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur, sa minn tfulitu, kien espost għal ambjenti fejn kien isir logħob tal-azzard u maż-żmien waqa' vittma tiegħu. Beda jaħdem bħala infirmier, imma jgħid li fil-ħin ħieles tiegħu kien itajjar il-paga fil-logħob. Iżżewweġ ftit wara u beda jaħdem bħala infirmier barra minn Malta ma' ħaddiema li jaħdmu fl-industrija taż-żejt, u meta kien jinżel bil-frank f'Malta, kien iqatta' sigħat twal jilgħab. Minkejja li kien għamel żmien emigrat, baqa' jfittex okkażjonijiet biex imur jilgħab, minkejja li kien joqgħod 'il bogħod mill-eqreb każinò. Reġa' lura f'Malta għall-ħabta tal-1991, u reġa' qabad ir-rutina tal-logħob fil-każinò. Dak iż-żmien, kien taha wkoll għax-xorb u ż-żwieġ tiegħu tfarrak, minbarra li nqalgħu problemi fuq il-post tax-xogħol;*

*Illi mis-sena 2003 beda jżur b'mod regolari l-Casino Barriére Dragonara (immexxi minn Stakes) u stabbilimenti oħra tal-logħob, u fuq medda ta' żmien tajjar ġidu, magħduda l-flus li kien investa wara l-qasma tal-ġid li saret meta nfired minn ma' martu. Kemm minn dak li kien jistqarr huwa nnifsu u wkoll minħabba dak li kien jiġri, ħbieb li kienu jkunu miegħu kemm-il darba saħqu miegħu biex jieqaf jilgħab għall-ġid tiegħu, iżda hu ma kienx jagħti kashom;*

*Illi jirriżulta li l-Casino kien jibgħat tagħrif dwar il-logħob u l-attivitajiet imħejjija minnu lill-attur wara li huwa kien ta l-kunsens tiegħu għal dan;*

*Illi jirriżulta li, xi żmien qabel 2007, fuq talba li l-attur ressaq lil Stakes, saret laqgħa bejnu u l-General Manager tal-Casino li matulha l-attur ilmenta mal-Casino dwar il-mod kif xi logħob tal-azzard kien qiegħed jintlagħab u jitmexxa kontra l-lagħaba, kif ukoll mal-mod kif il-Casino kien qed jagħtih aċċess għall-flus li kellu fil-kontijiet bankarji tiegħu. Fi kliem l-attur, il-Casino ma kienx qed jimxi mar-regoli tal-logħob kif imiss u l-attur kien qed jingħata aċċess għal flus li kellu fil-bank permezz tal-EPOS (Electoric Point of Sales service) f'ammonti ogħla minn dawk li l-bank tiegħu kien iħallih. Min-naħa l-oħra, Stakes tgħid li qieset l-ilmenti tal-attur, u minn verifiki li għamlet irriżultalha li l-mod kif kienet qed tmexxi l-logħob kien aktar vantaġġuż għal-lagħaba, filwaqt li l-Bank jistqarr li sabiex il-Casino seta' jkollu aċċess għall-flus tal-attur, dan seta' sar biss wara talba mill-attur innifsu w bir-rieda tiegħu, u l-Casino ngħata aċċess sa l-ammont li qatt ma qabeż dak stabbilit mill-Bank ;*

*Illi jirriżulta li l-logħob li jintlagħab fil-Casino huwa regolat mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob (LGA), u li l-LGA tagħmel sorveljanza ta' kuljum fil-Casino permezz ta' impjegati tagħha;*

*Illi Stakes tgħid li ftit taż-żmien wara l-laqgħa li kellha mal-attur, hija ħarġet ordni biex ma jitħalliex jilgħab aktar fl-istabbiliment tagħha. Tgħid ukoll li, minn żmien għal żmien, hija tħarreġ l-impjegati tagħha fuq*

*kwestjonijiet ta' dipendenza fil-lagħaba;*

*Illi fis-sena 2005, l-attur fittex għajnuna tal-Aġenzija «Sedqa» sabiex jegħleb il-vizzju tal-logħob;*

*Illi fl-20 ta' Awwissu, 2007, l-attur bagħat ittra uffiċjali lil Stakes biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li qal li ġarrab minħabba t-telf mil-logħob. Fl-4 ta' Ottubru, 2007, l-attur fetaħ din il-kawża;*

*Illi tliet ġimgħat wara li fetaħ il-kawża, jirriżulta li reġa' beda jfittex l-għajnuna mal-istess Aġenzija u ngħata saħansitra għajnuna psikjatrika minħabba ansjetà li kien għaddej minnha. Dan il-proċess twaqqaf mill-attur f'Lulju tal-2008. Fl-istess żmien kien żar ukoll lil psikologu u dam iżuru sa Jannar tal-2008. Żmien wara li kien fetaħ il-kawża, huwa ressaq talba wkoll lill-Awtorità sabiex jinżamm milli jitħalla jidħol ġo stabbiliment partikolari tal-logħob għal żmien ta' tnax-il (12) xahar għall-finijiet tal-***Artikolu 26(1)(e) tal-Att tal-1998 dwar il-Logħob***;*

*Illi fir-rapport imħejji mill-espert mediku jirriżulta li Żammit kien ibati minn kundizzjoni patoloġika għal-logħob tal-azzard, fost oħrajn ;*

*Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar jekk Stakes għandhiex twieġeb għad-danni li l-attur jgħid li ġarrab minħabba n-nuqqas tagħha li żżommu milli jidħol fl-istabilimenti tagħha jew milli jibqa' jiġbed flus mill-kontijiet tiegħu ħalli jilgħab, u dan fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqa mill-istess Stakes li bihom tiċħad kull ħtija għax imxiet mal-liġi;*

*Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-attur jiċċara li kien qiegħed jillimita l-pretensjonijiet tiegħu għall-kwistjoni tar-responsabbiltà ta' Stakes dwar l-aċċess li ħallietlu għall-istabiliment tagħha, u ma baqax jisħaq aktar dwar il-pretensjonijiet tiegħu dwar il-mod kif kien jitmexxa l-logħob u l-kriterji li kienu jitħaddmu biex jitħallas ir-rebħ. Il-Qorti tagħraf li l-azzjoni tal-attur tista' tkun waħda msejsa fuq il-ħtija akwiljana u wkoll fuq in-nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kuntrattwali min-naħa ta' Stakes fir-relazzjoni tagħha mal-attur bħala lagħabi regolari tagħha;*

*Illi fil-kamp ċivili, ir-regoli ġenerali jgħabbu bil-ħtija lil kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew l-għaqal mistennija, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor;*

*Illi fi kliem l-attur, Stakes kienet obbligata bil-liġi li kienet fis-seħħ dak iż-żmien li tiżgura li persuni li jista' jkollhom xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġiku ma jitħallewx jidħlu ġewwa ż-żona fejn isir dak il-logħob. Huwa jisħaq li Stakes kienet taf dwar il-qagħda tiegħu mill-*

*attendenza li żżomm. Jistrieħ fuq ir-rapport tal-perit mediku maħtur mill-Qorti li jikkonferma li fil-fatt l-attur kellu kundizzjoni patoloġika ta' logħob tal-azzard;*

*Illi min-naħa l-oħra, Stakes targumenta illi l-kundizzjoni li kellu l-attur ma kinetx tidher mid-daqqa t'għajn, tant li biex l-espert wasal għall-konklużjoni tiegħu, kellu jżomm numru ta' laqgħat u seduti mal-attur. Tisħaq li l-attur innifsu jikkonferma li kien jaħbi din il-kundizzjoni minn dawk ta' madwaru, u li l-attendenza tal-attur fil-Casino naqset mhux żdiedet matul is-snin. Tgħid li ħarrġet nies biex jistgħu jgħinu persuni bi problemi marbuta mal-logħob iżda, sabiex ma toħnoqx il-jeddijiet tal-persuni tal-età tagħhom, ħaddnet il-prattika ('policy') li twaqqaf nies milli jilgħabu fl-istabbiliment tagħha biss wara li l-individwu nnifsu jew xi wieħed mill-familjari tiegħu jressqulha talba f'dak is-sens u wara li jġibu ċertifikat mediku. Tgħid ukoll li d-deċiżjoni li tieħu t-tmexxija ta' każinò milli twaqqaf lil xi ħadd milli jidħol fl-istabiliment tagħha mhijiex xi ħaġa li tiddependi minnha biss, imma hija deċiżjoni li titlob is-smigħ tal-parti milquta;*

*Illi Stakes iżżid tgħid li l-fatt waħdu li l-attur seta' kien milqut minn kundizzjoni patoloġika għal-logħob tal-azzard ma jissarrafx b'daqshekk biss għas-suċċess tal-azzjoni tiegħu. Tgħid li jaqa' fuqu d-dmir li juri li kien hemm nuqqas illeċitu min-naħa tagħha, li kien hemm rabta bejn dak in-nuqqas u l-ħsara li jgħid li ġarrab u wkoll il-prova effettiva tad-dannu mġarrab;*

*Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-qagħda tal-attur li jikleb biex jilgħab ilha fuqu s-snin, sa minn tfulitu u għalhekk minn żmien twil qabel rifes l-ewwel darba l-għatba tal-istabiliment immexxi minn Stakes. Dan jistqarru l-attur innifsu u jgħid ukoll li, sa minn dak iż-żmien, kien jagħraf li din il-ġibda li kellu biex jilgħab ma kinitx normali u li kienet toħodlu l-biċċa l-kbira ta' ħajtu u ġidu, sa minn mindu kien għadu fuq il-bankijiet tal-iskola u ssoktat wara meta beda jaħdem. Il-perizja teknika u l-laqgħat li huwa żamm ma' persuni kwalifikati wara li fetaħ din il-kawża, ikkonfermaw il-qagħda patoloġika tiegħu għal-logħob. Ħareġ ukoll li l-attur kien wasal f'qagħda li jilħaq bosta mill-għaxar (10) kriterji maħsuba fid-Diagnostic Manual for Mental Disorders (DSM – IV). Fis-sewwa, l-attur mhuwiex qiegħed jgħid li Stakes taħti għaliex ġabitu f'dik il-qagħda: iżda huwa jixliha li, minkejja li jinsab f'dik il-qagħda, ma żammitux milli jidħol jilgħab fl-istabiliment tagħha;*

*Illi dan l-argument tal-attur iqajjem konsiderazzjoni ta' siwi ewlieni għall-azzjoni mressqa minnu. Jidher li, fuq is-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-* ***Artikolu 26(3) tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta*** *li kien fis-seħħ fiż-żmien rilevanti tal-kawża, huwa jqis li Stakes kellha dmir jew rabta li ma tħallihx jersaq lejn dik il-parti tal-istabiliment tagħha fejn isir il-logħob. Dak l-artikolu (kien) jgħid li «(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, id-dħul ġewwa każinò jkun fid-diskrezzjoni tad-detentur tal-liċenza li għandu jiżgura li dawk il-persuni li jista' jkollhom xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika ma*

*jitħallewx jidħlu ġewwa ż-żona fejn isir dak il-logħob: Iżda ħadd ma jista' jiċċaħħad milli jidħol ġewwa każinò minħabba fir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess jew inkapaċità fiżika tiegħu»;*

*Illi l-imsemmija liġi, sa mill-bidu fis-seħħ tagħha, kienet tagħti l-jedd lid-detentur ta' liċenzja li jagħżel hu l-persuni li ried iħalli jidħlu fl-istabbiliment fejn jintlagħab il-logħob tal-azzard. Dan għamlitu billi d-dħul ta' persuni ġo każinò kien suġġett għad-diskrezzjoni tal-istess detentur tal-liċenza. Fl-istess ħin, l-Att impona fuqu l-ħtieġa li jiżgura li persuni li jista' jkollhom xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika ma jitħallewx jidħlu ġewwa ż-żona fejn isir dak il-logħob. Il-mod kif dan l-obbligu kellu jitwettaq mid-detentur ta' liċenzja huwa l-mertu tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha. L-element ta' soġġettività jagħmel dan l-obbligu diffiċli biex jitkejjel. Il-Qrati tagħna, min-naħa l-oħra, jeżiġu li d-diskrezzjoni tintuża mid-detentur bil-qies, u mhux b'mod diskriminatorju, tant li tobbliga lid-detentur li jimxi mal-prinċipju tal-audi alteram partem qabel ma jasal biex iżomm jew iwaqqaf persuna milli tidħol ġo l-istabbiliment fejn isir logħob tal-azzard (App. Ċiv.,* ***25.5.2007*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Armando Tramontano vs Dragonara Casino Ltd.****);*

*Illi mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti ħareġ li Stakes kienet rat kif tħares din ir-rabta billi kienet tħarreġ in-nies tagħha sabiex jgħinu persuni li jkunu jidhru li jkollhom problemi marbuta mal-logħob, u li dan it-taħriġ ingħata lill kull min seta' jiġi f'kuntatt mal-lagħaba. B'dan it-taħriġ, il-Qorti tifhem li l-għan aħħari ta' Stakes kien sabiex tilħaq lil dawn il-persuni permezz tal-impjegati tagħha;*

*Illi madankollu, mill-istess provi ħareġ ukoll li l-attur ma kienx juri lil ta' madwaru li kien maħkum mill-kundizzjoni patoloġika tal-logħob u kien jaħbi din il-ħaġa minn min ma kienx midħla tiegħu. Minbarra dan, ma kienx jagħti każ ta' min kien iwiddbu biex jinfatam mill-kilba tal-logħob. L-attendenza tiegħu fl-istabbiliment ta' Stakes u kif ukoll l-ammonti li kien jilgħab ma kinux hekk li jagħtu fil-għajn, meta mqabbla mal-għadd ta' nies li kienu jidħlu f'dak l-istabbiliment. Kien huwa wkoll li qabel u talab bil-miktub li Stakes tibagħtlu materjal pubbliċitarju u promozzjonali tal-attivitajiet tagħha u qatt ma talab li dan jitwaqqaf. Kien għażel (minkejja li kien jaf b'dan) ukoll li ma jitlob qatt is-"self-barring" li l-liġi nnifisha kienet tagħti b'jedd lil kull persuna li titlob biex titwaqqaf jew tinżamm milli tidħol f'każinò. Il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-attur kien fost il-persuni li ġew identifikati bħala li għandhom problemi marbuta mal-logħob tal-azzard. Huwa minnu li fuq medda ta' xhur l-attendenza tiegħu fil-każinò ta' Stakes kienet għolja meta mqabbla ma' snin oħra, iżda huwa minnu wkoll li l-attendenza bdiet tnaqqas fiż-żmien. Fattur ieħor rilevanti li ħareġ mill-provi hu li meta l-attur talab u ngħata laqgħa ma' rappreżentant għoli ta' Stakes, dan ilmenta mill-mod kif kien jitmexxa ċertu logħob u kif kien jingħata r-rebħ, u ma semma xejn dwar il-ħarsien li stenna li jingħata minħabba l-qagħda patoloġika tiegħu. Jirriżulta wkoll li, wara dik il-laqgħa, Stakes ħadet il-pass li żżomm lill-*

*attur milli jkompli jilgħab fl-istabbiliment tagħha, minħabba x-xiljiet li huwa għamel, imma mhux minħabba l-kundizzjoni tiegħu;*

*Illi biex ikun issemma kollox, il-Qorti tqis li l-attur ma ressaq l-ebda prova li, qabel ma fetaħ din il-kawża, kien kiseb jew fittex għajnuna biex jissielet mal-kundizzjoni tiegħu jekk kien iħoss li l-ġibda għal-logħob kienet rikbitu u ġabitlu t-tbattil tat-tfaddil li kellu f'investimenti u kontijiet bankarji. Għall-kuntrarju, il-provi mressqa juru li kien biss wara li fetaħ il-kawża li l-attur beda proċess ta' konsultazzjoni ma' Aġenzija u ma' speċjalisti dwar il-kundizzjoni tiegħu, imma lanqas temmhom u kien waqaf għaliex kien iħoss li kienu ħela ta' ħin għalih u għall-istess konsulenti. Minbarra dan, kien tilef l-istima fih innifsu. Minflok, minkejja li nżamm milli jidħol fl-istabbiliment ta' Stakes, baqa' jmur jilgħab fi stabbilimenti oħrajn tal-logħob u dan sa bosta xhur wara li fetaħ din il-kawża;*

*Illi dawn iċ-ċirkostanzi fattwali jwasslu għal konsiderazzjoni legali oħra li hija rilevanti għall-azzjoni tal-attur. Din tirrigwarda l-prinċipji li min iġib b'idejh il-ħsara ma jistax iwaħħal f'ħaddieħor («volenti non fit iniuria») għal dik il-ħsara, jew, fil-qasam kuntrattwali, li min jikser rabta kuntrattwali ma jistax jippunta subgħajh lejn in-nuqqasijiet tal-parti kontraenti l-oħra («inademplenti non est ademplendum»);*

*Illi f'dan ir-rigward, wieħed irid jara jekk l-imġiba tal-attur innifsu tistax jew imisshiex titqies bħala r-raġuni għall-ħsara li huwa jgħid li ġarrab. Stakes tressaq din il-ħaġa bħala wieħed mill-argumenti ewlenin tagħha li hija ma tistax tinżamm responsabbli għal dak li jilminta minnu l-attur. L-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili** jaħseb għal ċirkostanza bħal din fejn il-persuna mġarrba tkun taħti għall-ħsara li ġġarrab minħabba f'imġibitha stess. Jista' jkun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għalkollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. (P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Richard Fenech v. Rook Construction Ltd et)**. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

*Illi kif ingħad, «Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself» (**Froom v. Butcher** CA QB 286 (1976) per Denning L.J.);*

*Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba: (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat,*

*hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih (Ara s-sentenza P.A. RCP* ***31.5.2011*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Kevin Żammit v. Maltapost plc*** *(mhix appellata). Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra (P.A. PS* ***3.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Michael D'Amato noe v. Filomena Spiteri et*** *(mhix appellata));*

*Illi t-tielet konsiderazzjoni ta' xejra legali, marbuta ma' dan li għadu kemm issemma, tirrigwarda l-grad ta' responsabbiltà li jaqa' fuq Stakes bħala detentur ta' liċenza biex tilqa' lil min, bħall-attur, ikun mirkub mill-patoloġija tal-logħob milli jidħol fl-istabbiliment tagħha jew iżżommu milli jilgħab. Aktar 'il fuq issemma x'kienet tgħid il-liġi tagħna dwar id-diskrezzjoni tad-detentur ta' liċenza u kif għandu jiżgura li min ikollu xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika ma jitħalliex jidħol fejn ikun qed isir il-logħob. Dan jidher li joħloq obbligu min-naħa tad-detentur tal-liċenza li jindokra lil-lagħabi. Imma biex dan jista' jorbot lid-detentur, il-lagħabi jrid ikun wera ċar biżżejjed li huwa jinsab maħkum minn kundizzjoni patoloġika għal-logħob u li d-detentur tal-liċenza jkun għaraf din il-qagħda. Fejn il-persuna li tilgħab tonqos milli titlob li titwaqqaf milli tilgħab jew milli tidħol f'post għal-logħob, jidher li tibqa' sseħħ il-preżunzjoni li l-persuna tkun għażlet li tidħol għall-azzard u li riedet il-konsegwenzi ta' għemilha u li tagħmel li jogħġobha bi ħwejjiġha (Cfr.* ***Ritz Hotel Casino Ltd. V. Noora al Daher*** *(****2014****) EWHC 2847QB per Llewellyn J. § 133). F'dan ir-rigward, imbagħad, huwa magħruf li jekk il-persuna tkun f'qagħda patoloġika ta' logħob bla rażan, hija x'aktarx tfittex għejjun oħra mnejn titma' l-vizzju tagħha wkoll jekk detentur ta' liċenza wieħed iżommha milli tidħol fl-istabbiliment jew tibqa' tilgħab aktar. Din il-ħaġa ġrat fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. F'ċirkostanza bħal din, tinqata' r-rabta kawżali bejn it-telf imġarrab mill-persuna li tilgħab u d-dmir ta' ndukrar tad-detentur tal-liċenza u li jwieġeb għal dak it-telf (Cfr.* ***Reynolds v. Katoomba RSL All Services Club Ltd. (2001)*** *NSWCA 234 u* ***Calvert v. William Hill Credit Ltd.*** *(****2008****) EWHC 454 per Briggs J. § 196 (dan tal-aħħar kien każ marbut ma' 'remote gambling' fejn il-persuna kienet talbet l-għeluq tal-kont tagħha u li titwaqqaf milli tagħmel aktar imħatri u l-kumpannija mħarrka naqset li toqgħod għal dik l-istruzzjoni);*

*Illi lil hinn minn konsiderazzjonijiet morali ta' kemm il-kundizzjoni patoloġika għal-logħob iġġib ħsara lil min jaqa' vittma tagħha, ladarba l-liġi ħalqet qafas regolatur u ta' leġittimità fejn jidħol il-logħob tal-azzard, il-kwestjoni ta' responsabbiltà u l-effetti li jitnisslu mil-logħob iridu jitqiesu u jitfissru sewwasew fid-dawl tal-istess liġi. Wara li qieset il-fatti, l-argumenti mressqa mill-partijiet u l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li ma tistax issib lil Stakes ħatja li naqset mill-obbligu tagħha taħt l-****Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob*** *fil-konfront tal-attur;*

*Illi fid-dawl ta' din il-fehma, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi ma hijiex*

*mistħoqqa u mhix ser tilqagħha;*

*Illi dan ifisser li lanqas it-talbiet attriċi l-oħrajn ma sejrin jintlaqgħu, minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba»;*

11. L-attur Joseph Zammit appella b'rikors tad-29 ta' Lulju, 2020, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata għalkollox, u minflok tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra Stakes Limited.

12. Bi tweġiba mressqa fl-24 ta' Awwissu, 2020, Stakes Limited fissret għalfejn l-appell ta' Joseph Zammit għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontrih.

13. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Ġunju, 2024, li għalih dehru l-Avukati tal-partijiet, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Jibda billi jingħad, li bħalma għamel meta ġie biex iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti, Joseph Zammit jispeċifika f'dan l-appell li huwa qiegħed jillimita l-ilmenti tiegħu dwar id-danni, li fi kliemu ġarrab minħabba dak li qiegħed iqis bħala nuqqas ta' tħaris tal-obbligi legali min-naħa ta' Stakes Limited.

15. F'dan il-kuntest, l-attur jitlaq billi jfisser li l-ilmenti tiegħu huma mibnija fuq l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, li fi żmien li fih seħħew il-ġrajjiet li dwarhom hija din il-kawża[1], kien joħloq obbligazzjoni speċifika, diretta, u pożittiva fuq kull operatur ta' każinò sabiex «*jiżgura*» li ma jħallix li jidħlu fl-inħawi ta' fejn isir il-logħob, lil dawk il-persuni li *«jista' jkollhom»* xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

16. Jargumenta li ġaladarba l-leġislatur ħaseb li jirregola sitwazzjonijiet bħal dawk li dwarhom hija din it-tilwima b'dispożizzjoni speċjali tal-liġi, allura l-Ewwel Qorti kellha skont il-prinċipju ta' *«lex specialis derogat legi generali»,* timxi fuq dak li hemm fl-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, u mhux tħaddem ukoll il-prinċipji ġenerali tad-dritt, fosthom dawk ta' *«volenti non fit injuria»* u «*inademplenti non est ademplentum*». Skont l-attur, fuq hekk biss, is-sentenza appellata hija ħażina u għandha tiġi mħassra.

17. Sfiq ma' dan, l-attur appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-elementi essenzjali tal-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, fosthom li l-operaturi ta' każinò għandhom jieħdu dawk il-passi kollha meħtieġa sabiex jekk ikun hemm xi frekwentatur li jista' jkollu xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika, dan jiġi identifikat, u jekk

[1] Illum-il ġurnata dan l-artikolu m'għadux fis-seħħ għaliex l-**Att Dwar il-Logħob** tħassar permezz tal-**Att XVI tal-2018**.

jirriżulta li huwa tabilħaqq ibati minn hekk, dan ma jitħalliex jidħol aktar hemmhekk. Ifisser ukoll li skont il-liġi dan l-obbligu huwa mixħut kollu fuq spallejn l-operaturi tal-każinò u fuq ħadd aktar.

18. L-appellant jissokta billi jirreferi kemm għall-konklużjonijiet tal-espert tekniku l-Psikjatra Dr. Mark Xuereb, kif ukoll lejn ix-xhieda ta' Melchior Galea, li jaħdem bħala *social worker* mal-Aġenzija Sedqa, u jisħaq li huwa rnexxilu jipprova li kien tabilħaqq ibati minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika. Jinsisti għalhekk li bit-tħaddim tal-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, il-kumpanija appellata, bħala l-operatur tal-każinò Dragonara, kienet obbligata li tiżgura li huwa ma jitħalliex jidħol fl-inħawi ta' fejn kien isir il-logħob tal-azzard fit-tali każinò.

19. Kemm fid-dawl ta' dan, kif ukoll għaliex bħala stat ta' fatt il-kumpanija appellata ma waqfitux milli jkompli jilgħab aktar fil-każinò Dragonara, l-appellant jargumenta li l-istħarriġ li kellu jsir mill-Ewwel Qorti kellu jkun biss dwar jekk Stakes Limited kellhiex fis-seħħ dawk il-miżuri meħtieġa sabiex tintebaħ bil-potenzjal li persuna li tkun qiegħda tilgħab fil-każinò Dragonara setgħetx kienet qiegħda tbati minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika, sabiex f'każ bħal dak, teskludiha milli tkompli tilgħab aktar hemmhekk.

20. F'dan ir-rigward l-appellant jixħet ħarstu fuq dak li huwa xehed

dwaru fl-affidavit, kif ukoll lejn sensiela ta’ provi oħrajn, li fi kliemu jsaħħu l-verżjoni tiegħu, u f’dan il-kuntest jisħaq li mill-ġabra sħiħa ta’ dawk il-provi jirriżulta kif il-kumpanija appellata kellha l-elementi kollha sabiex, li kieku verament riedet twettaq bis-serjetà dak mitlub minnha fl-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, hija setgħet tintebaħ li huwa kien, jew tal-inqas seta’ kien, persuna li jbati minn problema ta’ logħob tal-azzard patoloġika, u għalhekk kellha twaqqfu milli jkompli jilgħab aktar flusu f’dak il-każinò.

21. B’rabta sħiħa ma’ dan, iżid li mill-istess provi jirriżulta li min-naħa tagħha, il-kumpanija appellata mhux talli m’għamlet xejn minn dak mitlub minnha fl-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, anzi hija stess kienet tħajru li jmur jilgħab hemmhekk, inkluż billi tibagħtlu messaġġi promozzjonali, u toffrilu xorb alkoħoliku b’xejn.

22. F’dan il-qafas, l-appellant jissokta billi jikkritika d-difiża tal-kumpanija appellata, li hija ma kinitx taf li huwa kien qiegħed ibati minn problema ta’ logħob tal-azzard patoloġika, u jenfasizza li d-difiża tagħha għal din il-kawża kellha tiġi miċħuda għaliex mhuwiex minnu li hija mxiet ma’ dak li kienet tgħid il-liġi.

23. Jisħaq li l-kumpanija appellata ma kellhiex miżuri fis-seħħ biex setgħet tinduna bil-problema patoloġika tal-logħob tal-azzard li kellu u

f'dan ir-rigward, l-appellant jirreferi għax-xhieda ta' Mario Galea, li kien jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Awtorità Dwar il-Logħob u l-Lotteriji (illum l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob), kif ukoll għax-xhieda ta' David Gray, li kien jieħu ħsieb il-każinò Dragonara. Fl-ispeċifiku, jgħid li min-naħa l-waħda Mario Galea fisser kif f'pajjiżi barranin il-każinò jkollu persuna indipendenti fuq il-post sabiex jagħti l-għajnuna lill-persuni li jkollhom problemi bħal dawk tiegħu. Ifakkar kif min-naħa l-oħra, David Gray stqarr li l-każinò Dragonara ma kienx iħaddem professjonisti bħal dawk, u dan anke minħabba l-ispejjeż involuti.

24. Jissokta billi jirreferi għall-istqarrija ta' David Gray li huwa ma kienx iħoss il-ħtieġa li jwaqqaf lil dawk il-persuni li kienu jmorru jilagħbu ta' kuljum fil-każinò Dragonara, u qal li l-istess xhud ikkonferma kif, min-naħa tagħha, il-kumpanija appellata qatt ma waqfet lil xi ħadd milli jidħol aktar fil-każinò fuq inizjattiva tagħha stess, iżda biss fuq talba tal-familjari.

25. Jirraġuna li minn dan kollu jidher biċ-ċar kif għall-kumpanija appellata, l-obbligu impost fuqha bl-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, ma kien xejn għajr sempliċi provvediment miktub fuq il-karta li dejjem injoratu u baqa' qatt ma tħaddem minnha. Iżid li anke t-taħriġ li l-appellata qalet li kienet tagħti lill-impjegati kollha tagħha kull tliet snin, ma kien xejn għajr tentattiv li tgħatti x-xemx bl-għarbiel għaliex fil-prattika ma kellu effett ta' xejn.

26. Jinsisti li huwa sewwasew minħabba n-nuqqasijiet tal-kumpanija appellata li tħares l-obbligi tagħha skont l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, li huwa spiċċa rovinat u tilef ġidu kollu, u jargumenta li huwa għalhekk li Stakes Limited għandha twieġeb għall-ħsara kollha mġarrba minnu.

27. Jagħlaq billi jgħid li hija wkoll għalkollox irrilevanti l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li huwa għażel li ma jinqeda qatt għall-proċedura tas-*self barring,* li biha l-lagħabi jitlob sabiex jinżamm għal ċertu żmien milli jidħol aktar f'każinò jew stabbiliment tal-logħob*.* Jirraġuna li kieku l-leġislatur ried li jkun hemm biss il-possibbiltà ta' *self barring*, huwa ma kienx sejjer iniżżel ukoll l-**Artikolu 26(3) fl-Att dwar il-Logħob**, u f'dan il-kwadru jfisser li l-leġislatur daħħal l-obbligu inkwistjoni għaliex jaf li min tassew ibati mill-problema ta' logħob tal-azzard patoloġika mhuwiex sejjer idur għas-*self barring,* billi l-kilba għal-logħob twaqqfu milli jagħmel hekk, u b'hekk jeħtieġ il-ħarsien mill-operaturi tal-każinos.

28. Meqjus li l-appellant qiegħed issejjes l-ilmenti tiegħu fuq l-obbligi li jgħid li jitnisslu mill-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, jixraq li qabel kull stħarriġ ieħor, naraw eżatt kif kien jaqra dan l-artikolu fi żmien li fih seħħew il-ġrajjiet li wasslu għal din it-tilwima.

29. L-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, li daħal fis-seħħ permezz tal-**Att X fis-sena 1998**, u baqa' fis-seħħ sakemm tħassar bl-**Att XVI tas-sena 2018**, kien jaqra bil-mod kif ġej:

> *«Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, id-dħul ġewwa każinò jkun fid-diskrezzjoni tad-detentur tal-liċenza li għandu jiżgura li dawk il-persuni li jista' jkollhom xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika ma jitħallewx jidħlu ġewwa ż-żona fejn isir dak il-logħob:*
>
> *Iżda ħadd ma jista' jiċċaħad milli jidħol ġewwa każinò minħabba fir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess jew inkapaċità fiżika tiegħu.»*

30. Fil-fehma tal-Qorti, il-kliem li bih il-leġislatur fassal dan l-artikolu huma ċari biżżejjed, u minnhom jidher kif l-appellant għandu raġun sa fejn qiegħed jgħid, li l-liġi kienet tobbliga lil kull operatur ta' każinò sabiex jiżgura li jwaqqaf milli jidħlu fiż-żona ta' fejn ikun qiegħed isir il-logħob, lil dik il-faxxa ta' nies, li jista' jkollhom (u mhux biss li huma ċertifikati li għandhom), problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

31. Għalkemm huwa wkoll minnu li f'dan il-każ l-appellant irnexxilu jipprova li sfortunatament huwa kien maħkum minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika, mill-banda l-oħra, l-appellant ma jistax però jippretendi li għaliex huwa qatt ma twaqqaf milli jilgħab fil-każinò Dragonara, mela allura Stakes Limited għandha awtomatikament tagħmel tajjeb għall-flus kollha li tilef hemmhekk u dan fuq ix-xilja li hija għamlitlu l-ħsara billi kisret dmir li kien impost fuqha bil-liġi.

32. Fis-sewwa, il-leġislatur Malti, la fl-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob** u wisq anqas x'imkien ieħor fil-liġi, ma ħaseb għal xi forma ta' responsabbiltà assoluta (dik li bl-Ingliż tissejjaħ *«strict liability»),* fis-sens li l-operaturi tal-każinos għandhom jinżammu awtomatikament responsabbli għall-ħsara mġarrba minn dawk in-nies li jitħallew jidħlu jilagħbu, minħabba li jistgħu jkunu maħkuma minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

33. F'qafas bħal dan, l-appellant ma jistax għalhekk jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilbes xi għamad m'għajnejha u tiddeċiedi l-kawża billi tħares biss lejn dak li jgħid l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, u dan mingħajr ma tħaddem dawk il-prinċipji ġenerali tal-liġi li huma ta' rilevanza għax-xorta ta' azzjoni li huwa ressaq.

34. Kif jidher sa mill-ewwel talba tar-rikors maħluf, li bih Joseph Zammit beda din il-kawża, dak imfittex minnu f'din il-kawża huwa sewwasew li jżomm lill-kumpanija appellata responsabbli għad-danni kollha li allegatament ġarrab *«b'konsegwenza ta' ħtijiet u nuqqasijiet illi huma attribwibbli lis-soċjetà konvenuta.».* Fl-essenza tagħha, l-azzjoni tal-attur hija għalhekk waħda għall-ħlas ta' danni, u minħabba f'hekk, il-prinċipji kollha marbuta ma' azzjonijiet ta' din ix-xorta, huma wkoll ta' rilevanza għal din il-kawża.

35. Dan iffiser li sabiex l-attur seta' jirnexxi fit-talbiet tiegħu, huwa kellu qabel xejn jipprova: (i) li kien hemm nuqqas illeċitu min-naħa tal-kumpanija appellata; (ii) li kien hemm rabta bejn dak in-nuqqas illeċitu u l-ħsara li qiegħed jgħid li ġarrab; u (iii) fl-aħħar nett li jressaq prova effettiva ta' dawk id-danni.

36. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-appellant weħel sa mal-ewwel skaluna u dan billi naqas milli jipprova li kien hemm nuqqas illeċitu min-naħa tal-kumpanija appellata, jew fi kliem ieħor, li jipprova li Stakes Limited naqset li tħares l-obbligi tagħha taħt l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, u dan speċifikatament fil-konfront tiegħu.

37. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, għalkemm l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob** kien jimponi obbligu fuq kull operatur ta' każinò sabiex iżomm lil dawk il-persuni li seta' kellhom problema ta' logħob tal-azzard patoloġika milli jidħlu fl-inħawi ta' fejn isir il-logħob, dan l-obbligu seta' raġonevolment jiskatta biss f'dawk il-każijiet li l-lagħabi jkun wera ċar biżżejjed li huwa x'aktarx ikun maħkum minn kundizzjoni patoloġika għal-logħob tal-azzard, u li dak l-operatur ikun għaraf tali qagħda.

38. L-ewwel ħaġa li għandha tqis il-Qorti f'każijiet ta' din ix-xorta huwa għalhekk li tistħarreġ jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-operatur tal-każinò setax raġonevolment jintebaħ li l-lagħabi, x'aktarx kien maħkum

minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

39. Għalkemm huwa kollu minnu li f'dan il-każ l-attur ressaq bosta persuni li lkoll xehdu dwar il-kilba kiefra li huwa kellu għal-logħob tal-azzard, il-Qorti jidhrilha li meta jitpoġġa kollox fuq il-miżien; il-fatti u speċjalment il-provi oġġettivi bħal dawk dokumentarji juru li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-operaturi tal-każinò Dragonara ma setgħux raġonevolment jintebħu li huwa seta' kien mifni bil-problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

40. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li minkejja l-appellant qiegħed bħal donnu jipprova jagħti l-impressjoni li l-operaturi tal-każinò Dragonara ma kellhom kontrolli ta' xejn, mill-provi, u speċifikatament mix-xhieda ta' David Gray, kif ukoll minn dokument 'DG2' (f'paġna 198 tal-atti tal-kawża), jidher li sa mis-sena 1999, tali operaturi kellhom fis-seħħ proċedura li biha kienu jkunu jafu bl-identità ta' kull individwu li kien jidħol ġewwa l-każinò li tiegħu kienu responsabbli.

41. Dwar dan, David Gray xehed li sabiex wieħed seta' jidħol fil-każinò Dragonara, huwa kellu jippreżenta dokument ta' identifikazzjoni uffiċjali bħal pereżempju karta tal-identità, passaport, jew inkella liċenzja tas-sewqan, u f'dak l-istadju kien ukoll jitteħidlu ritratt tax-xbieha tiegħu. Wara din il-proċedura, il-klijent kien jingħata *card* li biha seta' jingħata aċċess

f'kull waħda mill-erba' entraturi li kien hemm għall-każinò mingħajr ma joqgħod jagħti d-dettalji tiegħu kull darba, però, b'dan il-mezz il-każinò xorta waħda kien ikun jaf, b'mod elettroniku, kemm u meta, dak il-klijent ikun żar il-każinò. Qal ukoll li f'każ li klijent ma kienx ikollu dik l-*card* fuqu, tali klijent kellu jagħti d-dettalji tiegħu mal-entrata, u l-identità tiegħu kienet tiġi korroborata, anke permezz tax-xbieha tiegħu (ara x-xhieda ta' David Gray f'paġni 162 u 195 tal-atti tal-kawża).

42. Bis-saħħa ta' din il-proċedura ta' verifika tal-identità tal-individwi mal-entrata, l-operaturi tal-każinò Dragonara mhux biss kellhom kontroll dwar min seta' jidħol fil-każinò, iżda wkoll kienu jżommu rekord ta' kemm-il darba kull individwu kien iżur il-każinò. Kemm hu hekk, fis-seduta tas-16 ta' April, 2010, David Gray ressaq dokument li fih hemm tagħrif tan-numru ta' drabi li l-attur appellant żar il-każinò Dragonara bejn is-snin 1999 sal-21 ta' Settembru, 2007 (ara 'Dok DG2' f'paġna 198 tal-atti).

43. Minn dan id-dokument tal-aħħar jidher li għalkemm veru li fis-sena 2003, l-attur kien tabilħaqq żar il-każinò Dragonara għal xejn inqas minn 107 darba, fis-snin ta' wara l-attur naqqas il-frekwenza li biha kien iżur il-każinò drastikament — fatt li fih innifsu mhuwiex tant sinonimu ma' dik il-faxxa ta' persuni li jbatu minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

44. Tassew, skont ir-raba' edizzjoni tad-*«Diagnostic and Statistical*

*Manual of Mental Disorders»,* li rreferew għalih kemm is-*social worker* tal-Aġenzija Sedqa Melchior Ellul, kif ukoll l-espert tekniku Dr. Mark Xuereb, jidher li persuni li jbatu minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika għandhom tendenza li jżidu l-frekwenza tal-logħob u mhux inaqqsuha bħalma għamel l-attur fil-każinò Dragonara (ara «*Diagonostic and Stastical Manual of Mental Disorders»,* ir-raba' edizzjoni, ippublikat mill-Assoċjazzjoni Psikjatrika Amerikana fis-sena 1994, f'paġna 617).

45. Fil-fehma tal-Qorti l-frekwenza li biha l-attur kien qiegħed iżur il-każinò Dragonara ma kinitx għalhekk fiha nfisha biżżejjed biex tqanqal suspetti raġonevoli f'moħħ l-operaturi tal-każinò Dragonara, li l-appellant seta' kien qiegħed ibati minn problema tal-logħob tal-azzard patoloġika.

46. Aktar importanti minn hekk, huwa mbagħad il-fatt li l-appellant ma seħħlux juri li fid-drabi li huwa kien imur jilgħab fil-każinò Dragonara, huwa kien jilgħab ċertu kwantità ta' flus li kienu jagħtu fil-għajn u setgħu jnebbħu lill-operaturi tal-każinò Dragonara li huwa x'aktarx kien maħkum minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

47. Dwar dan, David Gray, li kien responsabbli mill-operazzjoni tal-każinò Dragonara mis-sena 1999 sa wara li nbdiet din il-kawża, stqarr li meta mqabbel ma' klijenti oħrajn tal-istess każinò, l-attur Joseph Zammit kien *«a relatively small player»,* tant li għalkemm huma kellhom sistemi

fis-seħħ li bihom setgħu fuq bażi ta' kuljum, isegwu min kien ikun lagħab ammonti mdaqqsa ta' flus, jew inkella min ikun tilef ċertu ammonti sostanzjali, l-attività ta' Joseph Zammit fil-każinò qatt ma spikkat. Gray stqarr ukoll li meta huwa staqsa lill-ħaddiema tal-każinò dwar Zammit, ħadd minnhom ma kien jaf min hu, u dan anke għaliex il-livell ta' logħob tiegħu fil-każinò ma kienx sinjifikanti biżżejjed biex jagħti fil-għajn (ara x-xhieda ta' David Gray, f'paġna 300 tal-atti tal-kawża).

48. Għalkemm veru li fuq ix-xaqliba l-oħra Joseph Zammit tenna li huwa berbaq ġidu kollu ġewwa l-każinò Dragonara, huwa però naqas milli jsaħħaħ dan bi provi konkreti. Tassew, l-ebda wieħed mix-xhieda li huwa ressaq u li qiegħed jirreferi għalihom fir-rikors tal-appell ma xehdu b'mod dirett u speċifiku dwar l-ammonti li huma kienu jaraw lill-attur jilgħab u jitlef fil-każinò Dragonara.

49. Min-naħa tiegħu l-attur lanqas ma ressaq xi prospett maħluf li fih jidhru l-ammonti kollha li huwa lagħab u tilef speċifikatament ġewwa l-każinò Dragonara. U minkejja li huwa ressaq sensiela ta' rendikonti tal-kontijiet bankarji tiegħu (ara Dok D sa F, f'paġni 21 sa 51 tal-atti tal-kawża), tali rendikonti huma biss għas-snin ta' bejn 2005 u 2007.

50. Il-Qorti m'għandha għalhekk l-ebda prova konkreta dwar x'ammonti ta' flus Zammit ħareġ u nefaq fil-każinò Dragonara bejn is-snin

2003 u 2004, u mingħajr prova kruċjali bħal din, l-appellant żgur li ma jistax jippretendi li huwa rnexxilu jipprova li fis-sena 2003 jew inkella 2004, il-kumpanija appellata kellha tintebaħ li huwa seta' kien maħkum minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

51. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-infiq tal-appellant ġewwa l-każinò Dragonara għas-snin 2005 sa 2007, il-Qorti tqis li għalkemm l-appellant tassew ressaq ir-rendikonti tal-kontijiet bankariji li għadha kif issir referenza għalihom, fl-istess waqt huwa però naqas għalkollox milli tal-inqas juri liema kienu dawk il-flus, jew kemm kien hemm minnhom li huwa ġibed u uża speċifiċikatament għal-logħob tal-azzard ġewwa l-każinò Dragonara.

52. Minbarra li huwa bil-wisq naturali li l-attur ried bilfors jonfoq ċertu flus milli kien jiġbed għall-ispejjeż tal-ħajja ta' kuljum, u dan speċjalment għaliex jidher li huwa kien jirċievi l-paga mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Gvern ta' Malta fil-kont tal-bank u mhux fi flus kontanti (ara Dok F, f'paġni 37 sa 51 tal-atti tal-kawża), aktar importanti minn hekk, l-appellant stess stqarr li huwa ma kienx jilgħab biss ġewwa l-każinò Dragonara, iżda kien jilgħab ukoll ġewwa każinos oħrajn bħal *«Casino di Venezia»*, *«Oracle Casino»,* u anke saħansitra ġewwa l-ħwienet tal-logħob tat-triq (ara l-kontroeżami tal-attur f'paġni 285 tal-atti tal-kawża).

53. F'ċirkostanzi ta' din ix-xorta, il-Qorti żgur li ma tistax tippreżumi li l-flus kollha li l-attur ġibed mill-kontijiet bankarji għal bejn is-snin 2005 sa 2007 inħarqu fil-logħob tal-azzard ġewwa l-każinò Dragonara. Huma għalhekk biss dawk l-ammonti li fuq ir-rendikonti tal-kontijiet bankarji jidhru li speċifikatament inġibdu minn ġewwa l-każinò Dragonara stess, li jistgħu jissarfu bħala prova tal-infiq tal-attur ġewwa tali każinò.

54. L-appellant lanqas biss indenja ruħu jiġbor dawn l-ammonti tal-aħħar flimkien u għalhekk il-Qorti kellha twettaq dan l-eżerċizzju hija stess. Minn tali eżerċizzju l-Qorti rriżultalha li l-ammont ta' flus li l-appellant jidher li ġibed minn ġewwa l-każinò Dragonara bejn is-snin 2005 u 2007 ma kienx tabilħaqq xi wieħed sinjifikanti, tant li kellu raġonevolment jiftaħ għajnejn l-operaturi tal-każinò Dragonara li l-attur seta' kien qiegħed ibati minn xi problema ta' logħob tal-azzard patoloġika.

55. Mhux ta' inqas importanza huwa mbagħad il-fatt li mill-istess eżerċizzju, il-Qorti rriżultalha li fuq bażi oġġettiva, l-ammonti li l-attur irnexxilu jipprova li ġibed minn ġewwa l-każinò Dragonara bejn is-snin 2005 u 2007, lanqas ma kienu sproporzjonati meta mqabbla mal-paga tajba li huwa stqarr li kien jaqla' ta' kull sena (ara l-affidavit tal-attur f'paġni 73 u 74 tal-atti tal-kawża). Hekk ukoll, mill-istess eżerċizzju rriżulta li kien hemm għadd ġmielu ta' xhur li fihom l-attur ma jidhirx li ġibed xi flejjes mill-kontijiet tiegħu minn ġewwa l-każinò Dragonara.

56. Kif tifhimha din il-Qorti, dawn il-fatturi kollha jxejnu l-ilmenti tal-appellant li l-Ewwel Qorti kellu jirriżultalha li l-operaturi tal-każinò Dragonara kellhom faċilment jintebħu li huwa seta' kien qiegħed ibati minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika, u għalhekk naqsuh jew kisru l-liġi meta ma waqfuhx milli jidħol jilgħab f'dak il-każinò.

57. Sfiq ma' dan, huwa wkoll rilevanti l-fatt, li mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta wkoll li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda qarib jew ħabib ta' Zammit li marru jiġbdu l-attenzjoni tal-uffiċjali tal-każinò Dragonara u fetħulhom għajnejhom dwar il-fatt li huwa kien mifni bil-vizzju tal-logħob. Tassew, jirriżulta li anke dawk li kienu jafu sewwa li huwa kien ibati bil-problema tal-logħob tal-azzard u li huwa kien iħobb imur jilgħab ġewwa l-każinò Dragonara, bħal pereżempju Alfred Attard (ara l-kontroeżami ta' Alfred Attard f'paġna 366 tal-atti tal-kawża), ma ndenjawx imorru jlissnu imqar kelma waħda f'widejn l-operaturi tal-każinò Dragonara.

58. Barra minn hekk, l-appellant lanqas ma ressaq xi prova li biha wera li l-operaturi tal-każinos l-oħrajn li kien imur jilgħab ġewwa fihom, jew inkella dawk tal-ħwienet tal-logħob tat-triq kienu ntebħu bil-problema li huwa kellu, u ħadu dawk il-passi meħtieġa biex iwaqqfuh milli jkompli jmur jilgħab aktar f'tali stabbilimenti. Anzi, dak li rriżulta huwa li anke wara li Zammit beda din il-kawża, huwa xorta waħda baqa' jilgħab il-flus fuq

bażi regolari u dan mill-inqas sas-sena elfejn u tnax (ara: (i) il-kontroeżami tal-attur f'paġna 286 tal-atti tal-kawża; (ii) in-notamenti fil-fajl tal-Aġenzija Sedqa, 'Dok ME1', f'paġni 106 u 109 tal-atti tal-kawża; kif ukoll (iii) in-notamenti kliniċi tal-Psikjatra Dr. Anthony Dimech, f'paġna 159 tal-atti tal-kawża).

59. B'żieda ma' dan, l-attur appellant lanqas ma wera li huwa kien għarraf lill-uffiċjali tal-każinò Dragonara bil-problema ta' logħob tal-azzard patoloġika li kellu. Mod ieħor, Zammit stess stqarr li huwa dejjem ipprova jaħbi dik il-kundizzjoni (ara l-kontroeżami ta' Joseph Zammit f'paġna 292 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ix-xhieda tas-*social worker* tal-Aġenzija Sedqa, Melchior Ellul, f'paġni 143 u 144 tal-atti tal-kawża).

60. Għandu wkoll jingħad li għalkemm l-attur stess stqarr li huwa kien intebaħ li qiegħed iżid fil-logħob u fisser li kien intebaħ *«li dieħel fi problema kbira»* (ara l-affidavit ta' Joseph Zammit f'paġna 73 tal-atti tal-kawża), tant li mar ifittex l-għajnuna tal-Aġenzija Sedqa u ġie assenjat ma' ċertu Christine Ciappara, f'dak l-istadju, l-attur ma għamel xejn aktar biex jgħin ruħu b'idejh, bħal pereżempju: jagħti struzzjonijiet lill-banek sabiex jillimitawlu l-kwantitajiet ta' flus li seta' jiġbed b'mod elettroniku, jew aħjar, irrikorra għall-proċedura ta' *self-barring,* biex ma jkunx jista' jidħol aktar ġewwa każinò għal ċertu żmien, u dan skont kif imsemmi fl-**Artikolu 26(1)(e) tal-Att dwar il-Logħob** (ara l-kontroeżami ta' Joseph

Zammit f'paġni 286 u 287 tal-atti tal-kawża u x-xhieda ta' David Gray f'paġna 301 tal-atti tal-kawża).

61. Għalkemm veru li l-proċedura ta' *self-barring* ma tnaqqas xejn mill-obbligi tal-operatur ta' każinò taħt l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob**, il-Qorti tqis li tali proċedura hija xorta waħda ta' rilevanza għall-għanijiet tal-**Artikolu 26(3)**, għaliex isservi biex tiftaħ għajnejn l-operatur ta' każinò, li dak l-individwu x'aktarx kien diġà vittma tal-vizzju qerriedi tal-logħob tal-azzard, u f'każ li jgħaddi ż-żmien tas-*self-barring* u l-individwu jerħilha lura għal-logħob, l-operatur tal-każinò jkollu għalfejn joqgħod aktar b'seba' għajnejn fuq dak l-individwu.

62. Tassew, Stephen Thornton li kien iħaddan il-kariga ta' prinċipal tal-imwejjed tal-logħob fil-każinò Dragonara, xehed li f'każ li kien ikun hemm xi persuni li jkunu rrikorrew għall-proċedura ta' *self-barring* aktar minn darba, l-uffiċjali tal-każinò Dargonara kienu jagħmlulhom intervista, sabiex jiżguraw li tali persuni ma kinux qegħdin ibatu minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika (ara x-xhieda ta' Stephen Thornton f'paġna 323 tal-atti tal-kawża).

63. Sfortunatament l-appellant naqas milli jgħin ruħu biżżejjed sabiex jaġixxi f'ħinu u f'waqtu, u filwaqt li l-Qorti hija sogħbiena għas-saram kollu li jidher li huwa ġarrab minħabba l-problema tal-vizzju tal-logħob, fl-istess

waqt il-Qorti tqis li mhuwiex ġust li huwa qiegħed jipprova jwaddab il-ħtija fuq il-kumpanija appellata.

64. Għar-raġunijiet kollha li għadhom kif qegħdin jingħataw, il-Qorti tqis li l-appellant ma rnexxilux juri li l-kumpanija appellata kienet jew raġonevolment setgħet tkun taf li huwa kien x'aktarx qiegħed ibati minn problema ta' logħob tal-azzard patoloġika, u fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti qiegħda tasal għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Qorti li Stakes Limited ma tistax tinstab ħatja li naqset mill-obbligu tagħha taħt l-**Artikolu 26(3) tal-Att dwar il-Logħob** fil-konfront tal-attur.

65. F'ċirkostanzi bħal dawn l-appell ta' Joseph Zammit ma jistax ikun fejjiedi u għalhekk sejjer ikun qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' Joseph Zammit u b'hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-9 ta' Lulju, 2020.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura, għandhom jitħallsu kollha mill-appellant

Joseph Zammit, filwaqt li dawk ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu bil-mod kif deċiż fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm